# Qorti tal-Magistrati (Malta)
# Bhala Qorti ta’ Gudikatura Kriminali

# Magistrat Dr. Doreen Clarke LL.D.

**Illum 6 ta’ Frar 2017**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Nicholas Vella)**
**vs**
**Stephen Naudi**

**Kumpilazzjoni Nru: 618/2014**

Il-Qorti,

Rat l-akkuza migjuba kontra l-imsemmi Stephen Naudi, u detentur tal-Karta ta’ l-Identita’ Maltija numru 140070(M).

Akkuzat talli f’dawn il-Gzejjer ikkommetta serq ta’ ghasafar minn kamra gewwa ghalqa fi Triq il-Harruba, limiti tal-Bidnija, f’San Pawl il-Bahar liema serq huwa kkwalifikat bil-mezz, bix-xorta tal-haga misruqa, bil-hin u l-valur, liema oggetti jammontaw ghal aktar minn €2329.37.

Akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer b’xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat.

Akkuzat ukoll talli f’dawn il-Gzejjer fil-perjodu ta’ bejn il-15 ta’ Gunju 2014 u d-19 ta’ Gunju 2014 xjentement laqa’ ghandu jew xtara hwejjeg

misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat, jew, xjentement, b'kull mod li jkun, indahal biex ibieghhom jew imexxihom.

Fl-istess dati, hin, lok u cirkostanzi malli sar jaf li l-haga li kienet fil-pussess tieghu kienet haga misruqa jew mehuda b'qerq jew akkwistata b'reat, naqas li jgharraf lill-Pulizija b'dak il-fatt.

Rat in-nota ta'l-Avukat Generali permezz ta' liema baghat lill-imputat biex jigi gudikat minn din il-Qorti bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali kif mahsub fis-segwenti artikoli:

- 261(b)(c)(f)(g), 263(a), 267, 270, 271(c), 278, 279(b), 280 u 281 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 42(d), 43, 44,45 u 46 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
- 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta; u
- 15, 31 u 532A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat li l-imputat ma kellux oggezzjoni li l-kaz jitkompla bi procedura sommarja.

Semghet ix-xhieda u t-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat l-atti processwali.

Ikkunsidrat

Illi dan il-kaz jirrigwarda serq ta' bosta ghasafar a dannu ta' certu Jean Pierre Mifsud.

Illi l-imsemmi Jean Pierre Mifsud jirrakkonta[1] li huwa delettant ta' l-ghasafar, kien irrabihom u anke jippartecipa bihom f'shows; l-ghasafar kien izommhom f'razzett il-Bidnija. Fil-lejl bejn l-14 u l-15 ta' Gunju 2014 xi hadd sgassa dan ir-razzett u seraq l-ghasafar kollha li kien hemm, cioe mitejn u tlettin ghasfur[2] li l-maggoranza taghhom kellhom ic-curkett bin-

[1] Id-depozizzjoni tieghu hija traskritta a fol 25 et seq tal-process; huwa rega' xehed in kontro-ezami u d-depozizzjoni hija traskritta a fol 64 tal-process.

[2] Fid-dokument Dok JPM1 esebiet a fol 29 tal-process Mifsud ghamel rendikont dettaljat ta' x'tip kienu dawn l-ghasafar u l-valur ta' kull wiehed minnhom, kemm minnhom gew ritornati u kemm ghadhom neqsin. Hemm esebiet ukoll document, Dok NV1, a fol 12 tal-process li ukoll huwa redatt minn Mifsud u kien gie mghoddi lill-ufficjal prosekutur li fih hemm indikazzjoni ta'l-ammont u t-tip ta'l-ghasafar u l-valur taghhom.

numru 739. Sar rapport dwar dan l-akkadut li gie investigat mill-pulizija[3]. Mifsud kompla jirrakkonta li huwa beda jdur il-pet shops biex jara jarax ghasafar minn tieghu. Fil-fatt f'pet shop f'San Gwann, il-Mincott Petshop, huwa sab ghaxar ghasafar; Mifsud ghalhekk informa lill-pulizja. Ghandu jigi rilevat li fir-razzett ta' Mifsud kien hemm tajr iehor pero insterqu biss l-ghasafar.

Illi l-ufficjal prosekutur[4] jikkonferma li fil-Mincott Petshop instabu ghasafar bic-curkett li kellu n-numru 739 u skond informazjoni li taghhom sid il-petshop dawn kien xtrahom minghand l-imputat. Il-pulizija ghamlet tfixxija fid-dar ta' l-imputat u sabet aktar ghasafar bic-curkett li ghandu numru 739.

Illi sid il-petshop, Anthony Calleja, tressaq bhala xhud[5]. Huwa jghid li kien mar l-imputat ghandu u qallu li kien ser ikollu ghasafra ghall-bejgh, ftehmu gurnata u l-imputat hadlu ghaxar Gouldiens li ghalihom Calleja hallas mija u tmenin Euro. Aktar tard dak in-nhar stess mar Mifsud fil-petshop u ra l-ghasafar tieghu, huwa ridhom lura ghalhekk issejjhu l-pulizija.

Illi l-imputat irrilaxxja zewg stqarrijiet[6] u anke ta d-depozizzjoni tieghu[7] quddiem din il-Qorti. F'l-ewwel stqarrija l-imputat jghid li fil-kors ta'l-impjieg tieghu gieli ghamel xoghol ta' landscaping f'xi Villel il-Bidnija. Qal ukoll li huwa kellu xi ghasafar id-dar li xtrahom minghand wiehed Sirjan. Dwar fejn kien fil-lejl li nsterqu l-ghasafar qal li huwa kien qieghed jistad f'Popeye Village fejn dam mit-tmienja ta' fil-ghaxija sat-tlieta ta' fil-ghodu. Fit-tieni stqarrija (li ttiehdet wara li saret it-ftixxija fid-dar tieghu) l-imputat ikkonferma li fid-dar tieghu nstabu madwar sebghin ghasfur li kienu misruqin. F'din l-istqarrija l-imputat ikkonferma li dawk il-granet kien qed jahdem il-Bidnija u li sema' ghajjat ta' xi wizz. Hu qal lil certu Nico li kien sema' il-wizz li da parti tieghu informa lil xi wiehed Sirjan. Aktar minn hekk hu jammetti li lil Nico u dan is-Sirjan kien hadhom il-Bidnija (b'van transit) biex jurihom fejn kien il-post fejn sema' il-wizz. Jghid ukoll pero li mieghu ma semmghu xejn dwar is-serq.

---

[3] Il-pulizija marru fuq il-post u kkonfermaw li l-gaggeg kienu vojta; ref okkorrenza Dok NV4 esebieta a fol 16 tal-process u d-depozizzjoni ta' PS455 Emanuel Sammut a fol 35 tal-process. Aktar minn hekk l-ufficjal prosekutur li kien l-ufficjal investigattiv in kontro-ezami (a fol 58 tal-process) ikkonferma li l-gaggeg li kien hemm fil-kamra kollha kienu vojta.
[4] Depozizzjoni a fol 8 et seq tal-process.
[5] Depozizzjoni a fol 30 tal-process.
[6] Esebieti bhal Dok NV6 u Dok NV7 as fol 20 u 23 rispettivament.
[7] Traskritta a fol 91 et seq tal-process.

Illi fid-depozizzjoni tieghu l-imputat jghati verzjoni kemm xejn differenti. Hu jghid li fil-15 ta’ Gunju 2014 ghall-habta tas-sebgha kien fil-pjazza hdejn l-ghassa tal-Hamrun, fejn imur is-soltu, meta tfacca habib tieghu Nico ma’ wiehed Sirjan u offrewlu xi ghasafar ghall-bejgh; ra l-ghasafar, ftehmu fuq prezz, erbgha mitt Euro, u l-imputat hadhom l-ghasafar. L-imputat jghid li uhud kienu bic-curkett u uhud le. Mistoqsi jekk huwa ghamilx verifiki li l-ghasafar kienu taghhom (ta’ Nico u s-Sirjan), u dan in vista tal-fatt li kellhom ic-crieket, l-imputat qal li le. Mistoqsi fejn kien fil-lejl li nsterqu l-ghasafar rega’ qal li kien qatta’ l-lejl Popeye Village jistad, pero din id-darba qal li dam sat-tmienja (u mhux sat-tlieta kif qal f’l-istqarrija). Dwar il-papri li kien sema meta kien il-Bidnija, fid-depozizzjoni tieghu qal li kien hemm okkazzjoni meta kien sejjer Popeye Village ma’ Nico. u Nico saqsih hemmx papri, u hu qallu li gieli sema’papri pero ma qallux fejn u lanqas indikalu l-post.

Illi l-imputat ressaq zewg xhieda: lil Nico Zammit u certu Carmelo Gatt.

Illi Nico Zammit jghid li lill-imputat jafu l-Marsa, kienu jitkellmu ftit u jichad li qatt mar jistad mieghu. Jghid li xi snin qabel meta hu (cioe Zammit) ”*kien ihawwad*” gieli kien ikun l-pjazza tal-Hamrun ma’ xi hbieb pero jichad li qatt jkellu xi hbieb ta’ nazzjonalita Gharbija, hekk kif jichad li huwa qatt seraq xi ghasafar jew li bejgh ghasafar lill-imputat[8].

Illi da parti tieghu Carmelo Gatt jghid li huwa watchman fil-latrina ta’ Gwardamangia u li l-imputat huwa habib tieghu ghax kienu jiltaqghu fuq ix-xoghol u cioe fil-lattrina. Gatt jghid li lil Nico Zammit jafu ghaliex gieli kien jigi hdejn l-imputat hdejn il-lattrina pero f’l-istess hin jghid li Nico ma kienx idum, jghid ftit kliem u jitlaq. Gatt jghid ukoll li semahom jghidu li jmorru jistadu flimkien f’Popeye Village u li darba sema lil Nico jghid lill-imputat li kellu xi ghasafar li dejjquh ghax ma kellux hin ghalihom u offrihom lill-imputat. Dan da parti tieghu qal li l-ewwel rid jarahom biex mbaghad jiftehmu prezz; ghal dan id-diskors Nico qallu ”*meta trid nistghu imorru narawhom*”. Gatt kompla jghid li ghalkemm il-bejgh ma sarx quddiemu pero jaf li sar ghaliex l-imputat kien rega’ iltaqa’ mieghu u qallu li kien xtara l-ghasafar bi prezz tajjeb. Gatt kompla zied li ftit ta’ zmien wara l-imputat qallu li kien irranga ruhu b’dawk l-ghasafar ghaliex kienu misruqin. In kontro-ezami Gatt qal li dak id-diskors fuq l-ghasafar bejn Nico u l-imputat sar xi xahrejn jew tlieta qabel ma kien qed jiddeponi. Huwa kien qed

[8] Id-depozizzjoni hija traskritta a fol 104 tal-process.

jiddeponi fit-23 ta' Mejju 2016 ghalhekk skond hu id-diskors sar ghall-habta ta' Frar 2016[9].

Illi minn dan ir-riassunt tal-provi huwa lampanti l-kunflitt bejn dak li jghid l-imputat u x-xhieda mressqa minnu. Nico Zammit ikkontradica dak kollu li qal l-imputat, partikolarment cahad li jmorru jistadu flimkien, li qatt kellu jew bejgh ghasafar lill-imput. Mhux biss imma anke Carmelo Gatt ikkontradica lill-imputat. L-imputat fid-depozizzjoni tieghu jghid li huwa kien iltaqa ma' Nico Zammit u Sirjan fil-pjazza tal-Hamrun u kienu hemm meta offrewlu xi ghasafar. Pero skond il-verzjoni ta' Gatt, Nico propona l-bejgh meta kienu qeghdin hdejn il-latrina ta' Gwardamangia u li ma kien hemm hadd aktar ma' Nico. Naturalment hemm ukoll konfuzjoni fiz-zmien fis-sens li skond Gatt il-bejgh sar ghall-habta ta' Frar 2016 (xahrejn jew tlieta qabel ma ddepona) meta jirrizulta ampjament li l-fatti ta' dan il-kaz graw fis-sena 2014. Ghandu jinghad li pressat fuq din il-kwistjoni Gatt qal li hu d-dati ma jiftakarhomx b'l-ezatt. Il-Qorti tapprezza li wiehed jista' ma jkunx preciz f'dati pero li wiehed ihallat sentejn ma xahrejn hija kemm xejn inverosimili.

Illi ghandu jinghad ukoll li anke l-imputat ikkontradica lilu niffsu ghaliex huwa ta verzjonijiet differenti f'l-istqarrija u fid-depozizzjoni. Waqt l-interrogazzjoni huwa qal li lil Nico u lis-Sirjan huwa kien hadhom (u specifika anke il-van Transit li hadhom fiha) il-Bidnija biex jindikalhom fejn kien sema il-wizz. Fid-depozizzjoni tieghu huwa cahad li sema xi wizz u qal ukoll li kien ma' Nico biss (mhux mas-Sirjan) u li kienu qeghdin hemm (il-Bidnija) ghax kienu sejrin jistadu. Dwar kemm dam jistad fil-lejl li nsterqu l-ghasafar f'l-istqarrija qal li kien dam mit-tmienja sat-tlieta ta' fil-ghodu fil-waqt li fid-depoizzjoni qal li kien ghamel lejl shih u dam sat-tmienja. Dwar minghand min akkwista l-ghasafra f'l-ewwel stqarrija qal li xtrahom minghand wiehed Sirjan fil-waqt li fid-depozizzjoni tieghu isemmi kemm lil Nico Zammit kif ukoll li Sirjan bhala l-persuni li bieghulu l-ghasafar.

Illi dawn il-kontradizzjonijiet kollha jimminaw il-kredibilita ta'l-imputat. Ghal kull buon fini ghandu jinghad ukoll li lanqas x-xhud Carmelo Gatt ma kien kredibbli.

Illi ghandu jigi rilevat li l-ghasafar li instabu ghand il-Mincott Petshop u ghand l-imputat li kellhom curkett bin-numru 789 inghataw lura lil Mifsud.

---

[9] Il-fatti mertu ta' dawn il-proceduri sehhew fis-sena 2014.

Meta kien qed jixhed in kontroezami Mifsud qal li l-ghasafar li naghtawlu lura kienu fi stat hazin hafna ghaklhekk kellu jarmi nofshom; ma specifikax in-numru ezatt u liema kienu li kellu jarmi.

Ikkunsidrat

Illi l-imputat qed jigi addebietati b'erbgha imputazzjonijiet: serq aggravat, komplicita, ricettazzjoni, u li m'ghamilx rapport lill-pulizija meta sar jaf li kellu affarijiet misruqa.

Illi m'hemm l-ebda dubbju li fil-lejl bejn l-14 u il-15 ta' Gunju 2014 insterqu mitejn u tlettin ghasfur a dannu ta' Jean Pierre Mifsud. Lanqas m'hemm dubbju li uhud minn dawn l-ghasafar instabu fir-residenza ta' l-imputat nhar it-18 ta' Gunju 2014, fil-waqt li dak in-nhar ukoll ohrajn instabu ghand il-Mincott Petshop wara li sid dan il-petshop kien akkwistahom (dak in-nhar stess) minghand l-imputat.

Illi minkejja li l-imputat instab fil-pussess ta' dawn l-ghasafar ftit granet wara li nsterqu m'hemm l-ebda prova ohra li torbot lill-imputat mas-serq ta' l-ghasafar in ezami ghalhekk l-ewwel imputazzjoni ma tistax tirrizulta.

Illi t-tieni imputazzjoni hija dik dwar komplicita. Fit-termini tac-citazzjoni l-imputat gie *akkuzat ukoll talli f'dawn il-Gzejjer b'xi mod li jkun xjentement, ghen jew assista lill-awtur jew lill-awturi tad-delitt fl-atti li bihom id-delitt gie ppreparat jew ikkunsmat*. B'referenza ghal din it-tieni imputazzjoni l-Avukat Generali fin-nota ta' rinviju ghal-gudizzju jikkwota l-artikoli 42(d), 43, 44, 45 u 46 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Pero la fic-citazzjoni u lanqas fin-nota ta' l-Avukat Generali m'hemm indikat b'mod specifiku bhala komplici f'liema reat qed jigi akkuzat l-imputat f'din it-tieni imputazzjoni. Wiehed jista' forsi jimmagina liema reat kellha f'mohha l-prosekuzzjoni pero l-immaginazzjoni mhux bizzejjed. Fil-kamp penali l-imputazzjonijiet ghandhom jigu dedotti b'mod car u inekwivoku b'mod li l-imputat ikun jaf ezattament b'xiex qed jigi akkuzat u jkun jista' jiddefendi lilu nnifsu. Konsegwentement it-tieni imputazzjoni kif dedotta ma tistax tirrizulta[10].

[10] Ghal kull buon fini l-Qorti tirrileva li skond gurisprudenza kostanti persuna akkuzata b' reat tista' tinsta ma tintax hatja ta' dak ir-reat bhala awtur , pero, u minkejja l-ebda imputazzjoni dwar komplicita, tienstab hatja bhala komplici fit-twettieq ta' dak ir-reart. Fil-kaz in ezami m'hemm l-ebda prova li torbot lill-imputat mas-serq mhux biss bhala awti=ur imma lanqas bhala komplici.

Illi permezz tat-tielet imputazzjoni l-imputat qed jigi addebietat b'ricettazzjoni.

Illi l-principji regolaturi in tema ta' ricettazzjoni huma ben stabbiliti fil-gurisprudenza taghna. Skond il-Qorti ta' l-Appell Kriminali[11]

> *... ... sabiex persuna tinstab hatja ta' ricettazzjoni hu mehtieg li jikkonkorru is-segwenti tlitt rekwiziti u cioe':*
> *1. il-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni ossia li jkun insteraq, jew gie mehud b' qerq jew akkwistat b' reat iehor;*
> *2. l-akkuzat irid ikun laqa' ghandu jew xtara tali oggett li ghandu provenjenza llegittima; w*
> *3. fil-mument tal-akkwist, l-akkuzat kien jaf bil-provenjenza llegittima tal-oggett in kwistjoni (ara App. Krim "Il-Pulizija vs. Bugelli" [24.1.1942]; "Il-Pulizija vs. Giovanni Grima" [25.10.2002])*
>
> *L-element formali ta' dar-reat hu li l-akkuzat kien konsapevoli tal-provenjenza illecita tal-oggett suggett tar-ricettazzjoni. Dan ir-rekwizit jista' jigi pruvat kemm minn provi diretti kif ukoll minn provi indizjarji. Hekk fl-Appell Kriminali "Il-Pulizija vs. John Briguglio" [24.6.1961] (per Harding J.) kien gie ritenut li :-*
>
> *"Min jakkwista oggett taht cirkostanzi li fihom imissu jissuspetta li dak l-oggett kellu provenjenza illegittima, u ntant ma jaghmel xejn biex jikkontrolla dik il-provenjenza, u jaghalaq ghajnejh, huwa hati ta' din in-negligenza u kwindi ta' ricettazzjoni."*
>
> *Gie ukoll ritenut li dan l-element formali tar-reat in dizamina ikun jissussisti anki jekk l-akkuzat ikun irceva jew xtara l-oggett fil-waqt li jkollu jew inkella imissu kellu suspett li l-persuna li taghtu dak l-oggett setghet giet f' pussess ta' dak l-oggett b' mod illecitu w b' dana kollu xorta jilqa' ghandu jew jixtri tali oggett minghajr ma jaghmel xejn biex jivverifika u jaccerta ruhu li l-pussess ta' dik il-persuna l-ohra kien wiehed legittimu u mhux kif kien qed jissusspetta hu. (ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. J. Briguglio" [24.6.1961]; "Il-Pulizija vs. John Dimech" [24.6.1961]; "Il-Pulizija*

[11] Ref Il-Pulizija vs Darren Debono deciza 15 ta' Jannar 2009.

*vs. George Tabone" [24.6.1961] u "Il-Pulizija vs. Tancred Borg" [26.10.1998]).*

*S' intendi ix-xjenza mehtiega fir-ricettatur tirrigwarda l-provenjenza kriminuza generika u ma tirreferix ghad-dettalji specifici tar-reat principali. (Ara App. Krim. "Il-Pulizija vs. Joseph Piscopo" [21.3.1953]; "Il-Pulizija vs. Nazzareno Zarb" [16.12.1998] u ohrajn)*

*Kif jghid il-KENNY:*

*"The knowledge: The prisoner must have received the stolen goods with knowledge then of their having been stolen. Such knowledge may be presumed prima facie if he knew of circumstances so suspicious as to convince any reasonable man that the goods had been stolen - e.g. ...when an unlikely vendor offers them for an unlikely price ... His subsequent conduct may be evidence of such knowledge - e.g. .. selling them surreptitiously ... or making no written entry of having bought them."*

*Illi kif qalet din il-Qorti diversament preseduta (per V. De Gaetano J., fl-Appell Kriminali : "Il-Pulizija vs. Emanuel Seisun et."[26.8.1998]); it-teorija Ingliza "of unlawful possession of recently stolen goods" issib ukoll applikazzjoni fis-sistema legali taghna, ghax in tema ta' "law of evidence" il-gurisprudenza taghna ssegwi hafna dik Ingliza. Din it-teorija ma hi xejn hlief l-applikazzjoni tal-buon sens ghal cirkostanzi partikolari li jkunu jirrizultaw pruvati, fis-sens li meta jigu ppruvati certi fatti, dawn jistghu wahedhom iwasslu ragjonevolment ghall-konkluzzjoni li persuna partikolari tkun hatja tar-reat ta' serq tal-oggetti misjuba ghandha jew, skond ic-cirkostanzi, tar-reat ta' ricettazzjoni ta' dawk l-oggetti. F' dik is-sentenza din il-Qorti ccitat mill-Archbold: Criminal Pleading, Evidence and Practice, 1997, paras. 21-125, 21-126):-*

*"In R. v. Smythe, 72 Cr. App. R. & C.A., the court stressed that it is a misconception to think that recent possession is a material consideration only in cases of handling: it adopted the following passage from Cross on Evidence,5th. ed., p.49 (now 8th. ed., p.35): "if someone is found in possession of goods soon after they have*

*been missed, and he fails to give a credible explanation of the manner in which he came by them, the jury are justified in inferring that he was either the thief or else guilty of dishonestly handling the goods, knowing or believing them to have been stolen….The absence of an explanation is equally significant whether the case is being considered as one of theft or handling, but it has come into particular prominence in connection with the latter because persons found in possession of stolen goods are apt to say that they acquired them innocently from someone else. Where the only evidence is that the defendant on a charge of handling was in possession of stolen goods, a jury may infer guilty knowledge or belief (a) if he offers no explanation to account for his possession, or (b) if the jury is satisfied that the explanation he does offer is untrue."*

*"Every case depends on its own facts. ….It would be impossible to compile a definitive list of circumstances which might be relevant. They will include, however, the time and place of the theft, the type of property stolen, the likelihood of it being sold on quickly, the circumstances of the defendant, whether he has any connection with the victim or with the place where the theft occurred, anything said by the defendant and how that fits in or does not fit in with the other available evidence." (ara ukoll f' dan is-sens :"Il-Pulizija vs. Carmel Debono" [1.11.1996], "Il-Pulizija vs Richard Spiteri" [31.8.2006] u ohrajn).*

Illi l-ghasafar in ezami kollha kellhom ic-curkett. Fuq mistoqsija tal-Qorti l-imputat ikkonferma li huwa delettant ta'l-ghasafar ghalhekk facilment seta jivverifika l-provenjenza ta' dawk l-ghasafar permezz tac-curkett, haga li huwa m'ghamilx. Dwar il-valur ta'l-ghasafar, skond il-parte civile l-valur ta'l-ghasafar li kienu fil-pussess ta' l-imputat[12] kien ta' elfejn mitejn u tmenin Euro (€2,280). L-imputat min-naha l-ohra jghid li huwa akkwistahom bil-prezz ta' erbgha mitt Euro (€400), ghalhekk ras ghal ras kienu jiswew erbgha Euro u sebgha u tmenin centemzu (€4.87)[13] il-wiehed; l-imputat pero bejgh ghaxra minnhom lil Mincott Petshop bil-prezz ta' tmintax il-Euro (€18) il-wiehed.

[12] Jew fir-residenza tieghu jew dawk li bejgh lil Mincott Petshop.
[13] Huwa kellu tnejn u tmenin ghasfur.

Illi kif diga ntqal hemm hafna kontradizzjonijiet fil-verzjoni mghotija mill-imputat, mhux biss fiha nfisha imma anke meta komparata mal-verzjoni mghotija mix-xhieda prodotti minnu stess. Hafna minn dawn il-kontradizjonijiet jirreferu ghac-cirkostanzi li fihom l-imputat gie fil-pussess ta' l-ghasafar.

Illi tenut kont ta' dan u tal-fatt li l-imputat naqas li jaghti *a credible explanation of the manner in which he came by them* il-Qorti hija tal-fehma li t-tielet imputazzjoni giet sodisfacjentement pruvata.

Illi r-raba imputazzjoni hija dik prospettata f'l-artikolu 334A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u cioe li wara li gie f'pussess ta' xi haga misruq l-imputat naqas li jirraporta lill-pulizija. Huwa car li din l-imputazzjoni ngiebet bhala alternattiva ghat-tielet imputazjoni li taghha l-imputat qed jinstab hati. Il-Qorti ghalhekk ser tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri ta' din ir-raba imputazzjoni.

Ikkunsidrat

Illi dwar il-piena hemm diversi fatturi x'jittiehdu in konsiderazzjoni.

Illi l-imputat qed jinstab hati ta' ricettazzjoni ta' oggetti gejjin minn serq; ghalhekk ai termini ta'l-artikolu 334(a) tal-Kapitolu 9 il-piena ghandha tkun dik ta' serq skond il-valur tal-haga misruqa.

Illi mill-atti processwali jirrizulta li l-imputat kellu fil-pussess tieghu tnejn u tmenin (82) ghasafur li kienu nsterqu minghand Mifsud[14]. Mid-dokumenti esebieti mill-parte leza jidher li hu qed jallega li l-valur ta' dawn l-ghasafar kien jammonta ghal elfejn mitejn u tmenin Euro (€2,280). L-imputat jghid li huwa hallas erbgha mitt Euro (€400) ghal dawn l-ghasafar. Il-Qorti hija konvinta li dan huwa valur ta' erbgha mitt Euro huwa irrizzorju; hija daqstant konvinta li l-valur attribwiet lill-ghasafar mill-parte civile huwa aktar verosimili. Fi kwlaunkwe kaz iz-zewg valuri mghotija jaqghu taht definizzjoni ta' serq aggravat bil-valur ai termini ta'l-artikoli 267 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghaliex it-tnejn jeccedu il-mitejn u tnejn u tletin euro u erbgħa u disgħin ċenteżmu (€232.94) stipulat f'din id-dispozizzjoni. Aktar minn hekk iz-zewg valuri attribwieti lill-ghasafar jaqghu fil-parametri ta' dak stipulat f'l-artikolu 279(b) tal-Kapitolu 9 u cioe

[14] Uhud instabu fir-residenza tieghu, uhud instabu ghand Mincott petshop

serq aggravat bil-valur li ma jeccediex elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37). Ghalhekk m'ghandu jkun hemm l-ebda dubbju li l-piena ghall-imputazzjoni li taghha qed jinstab hati l-imputat hija ta' prigunerija minn hames xhur sa tlett snin.

Ghal dawn il-motivi l-Qorti, fil-waqt li ma ssibx lill-imputat hati ta'l-ewwel u t-tieni imputazzjoni u tilliberah minnhom, u fil-waqt li tastjeni milli tiehu konjizzjoni ulterjuri tar-raba imputazzjoni, wara li rat l-artikolu 334 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, u dan b'referenza ghall-artikoli 261(c), 267 u 279(b) ta'l-istess Kapitolu 9, ssib lill-imputat hati tat-tielet imputazzjoni migjuba kontra tieghu u tikkundannah sitt xhur prigunerija li b'applikazzjoni ta'l-artikolu 28A tal-Kapitolu 9 qed jigu sospiezi ghal perjodu ta' tlett snin.

Il-Qorti spjegat lill-imputat fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tlett snin.

**DR. DOREEN CLARKE**
**MAGISTRAT**